FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar, 2001**

**Numru 18**

**Avviz. numru 55/00JR**

**Avukat Dr Frank Cassar ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Carwise Limited**

**vs**

**Marica Cutajar u b'degriet tal-21 ta' Gunju, 2000, isem-il konvenuta gie mibdul ghal "Marita" u mhux "Marica"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm194.95) rapprezentanti servizz ta' mekkanika li sar fuq il-vettura numru CUT-002 fuq inkarigu tal-konvenuta;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 3067/99 fl-ismijiet: Carwise Limited vs Marica Cutajar, ilkoll kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra d-degriet tal-21 ta' Gunju, 2000, li bih giet ordnata l-korrezzjoni fil-korp ta' l-avviz billi n-numru tal-vettura CUT-002, jitnizzel bhala MAR-017.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fit-28 ta' April, 2000, fejn intqal li hi qed tikkontesta l-kawza in kwantu:**

**i. illi qatt ma sar ebda xoghol ta' mekkanika fuq il-vettura numru CUT-002;**

**ii. illi qatt ma sar xoghol fuq inkarigu ta' Marica Cutajar;**

**salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Frank Cassar li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut kif indikat fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbgha u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm194.95).**

**Dwar it-talba ghall-ispejjez tal-Mandat ta' Qbid numru 3067/99 fl-ismijiet: Carwise Limited vs Marica Cutajar, jidher li dan inhareg hazin in kwantu il-konvenuta jisimha Marita Cutajar, u ghalhekk m'ghandiex tbati l-ispejjez tieghu. L-ispejjez l-ohra tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**